MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2012

Talba Numru. 349/2012

**Bartolomeo Caruana**

**Vs**

**Daniel Sullivan, Sean Scicluna, Antoine Attard fil-kwalita rispettiva taghhom tà President, segretarju u tezorier tà Hamrun Spartans Football Club**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2012 fejn l-attur talab illi l-konvenuti ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma tà elf Ewro (€1,000) lill attur. Peress illi l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma tà elf Ewro (€1,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar in konnessjoni mal-kirja tal-fond Misty Blue 10 Triq tal-Qroqq Msida.

Peress illi ghalkemm il-konvenut intrabat illi jhallas is-somma tà elfu mitejn Ewro (€1,200) originarjament dovuta, huwa hallas biss is-somma tà mitejn Ewro (€200) akkont u naqas milli jhallas il-bilanc relattiv, nonostante illi gie debitament interpellat u minkejja diversi promessi li tali ammont ser jigi debitament saldat.

Bl-imghax legali mill-11 tà Mejju, 2011 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-ittra legali tat-18 tà Novembru, 2011 kontra l-konvenut, li minn issa jibqa ingunt in subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili)

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 u lanqas ghas-seduta tas-16 tà Novembru, 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra n-nota ta' riduzzjoni fejn it-talba giet ridotta ghal sitt mija u sitt Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€606.55) stante pagament akkont waqt il-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur ihallas is-somma ta' sitt mija u sitt Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€606.55) bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-

data tal-hlas effettiv inkluz dawk tal-ittra legali tat-18 tà Novembru, 2011.

L-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------